## Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Settembru 2017 – Serendipity *et* vs EUIPO – CKL Holdings (CHIARA FERRAGNI)

**(Kawża T-647/17)**

(2017/C 392/47)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Serendipity Srl (Milano, l-Italja), Giuseppe Morgese (Barletta, l-Italja), Pasquale Morgese (Barletta) (rappreżentanti: C. Volpi, L. Aliotta, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* CKL Holdings NV (CV Bussum, il-Pajjiżi l-Baxxi)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrent

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark figurattiva verbali tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-element verbali “CHIARA FERRAGNI” bil-kulur iswed u blu ċelesti – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 346 795

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: il-proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO, tas-17 ta’ Lulju 2017, fil-Każ R 2444/2016-4

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motivi invokati

— Eżistenza minn qabel tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea preċedenti Nru 011841582 “Chiara Ferragni” ippreżentata fil-25 ta’ Ġunju 2013, irreġistrata fl-10 ta’ Ottubru 2013;

— Xebh żbaljat ta’ trade marks konfliġġenti;

— Evalwazzjoni globali żbaljata tal-possibbiltà ta’ konfużjoni.

---

## Rikors ippreżentat fit-2 ta’ Ottubru 2017 – ClientEarth vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-677/17)**

(2017/C 392/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* ClientEarth (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: A. Jones, barrister)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea